**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A70/12

12 ta' Marżu 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/70**

Ser tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill nhar il-**Ħamis 15 ta' Marzu 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju Amministrattiv 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Affarijiet oħra
6. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

29 ta' Marzu 2012`

Ref Nru.Klg5/070

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/70 li saret il-Ħamis 15 ta'Marzu 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Ħames membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol u l-Kunsillier Anthony Grech minħabba li qiegħed l-isptar.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-12 ta' Marzu 2012.

Minħabba li xi membri tal-Kunsill kienu maqbuda fit-traffiku, Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/69 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti sopracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.2 -** Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li minkejja li kien sar *site-meeting* flimkien mal-Perit tal-Kunsill fejn dan ta' l-aħħar għadda l-istruzzjonijiet tat-tqaxxir u livellar mill-ġdid tal-kantunieri tat-Toroq Carlo Manche' u Cameron ma' Triq Ponsonby lill-Perit Tonna għan-nom tad-ditta *Polidano Bros Ltd,* sal-ġurnata tal-laqgħa x-xogħol kien għadu ma sarx.

Il-Viċi-Sindku qal, li ma kienx ser isir tqaxxir ta' tarmak iżda minflok, kien ser isir *gutter* għall-liema nformazzjoni l-Kunsillier Anthony Abela qal, li ma kienx infurmat b'dan il-bdil u ma jaqbilx magħha għaliex mhux ser ikun hemm il-qlib adekwat.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-uffiċċju kien irċieva *e-mail* waħda biss f'dan ir-rigward li kien għamel referenza għaliha l-Kunsillier Anthony Abela.

**2.2 Paġna Nru:3 para 2.4 –** Inqrat korrisopondenza mibgħuta mill-Perit Susanna Bonello – *Transport Malta* ċirkulata lill-membri kollha tal-Kunsill, dwar *loading/unloading* fi Triq Ponsonby quddiem Tanti Palmier fejn il-Kunsill ġie nfurmat, li għal darba oħra *TM* kienet bidlet id-deċiżjoni tagħha u estendiet din il-*loading/unloading* għal 11.5m.

Għan-nom tal-Kunsillier Malcolm Camilleri, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienet qed tressaq id-diżapprovazzjoni tiegħu u dan skont *e-mail* mibgħuta ftit qabel ma bdiet il-laqgħa. Filwaqt li l-membri preżenti qalu li l-Kunsillier Malcolm Camilleri kellu raġun u l-Viċi-Sindku għamel referenza għas-*site meeting* li kien sar fit-30 ta' Marzu 2011 mal-Perit David Vassallo, rappreżentant ta' *T.M.*, il-Kunsill ikkonkluda, li anke jekk dawn l-emendi fid-deċiżjonijiet poġġew lill-Kunsill f'dawl ikraħ mandanakollu, ma kienx hemm alternattiva oħra ħlief li jadderixxu ma' l-istruzzjonijiet ta' *Transport Malta* ġala darba din hi l-Awtorita' regolatorja. Il-Kunsill żied jgħid, li fir-risposta tiegħu *T.M.* għandha tiġi nfurmata b'dan kollu u kuntrarju għall-mod ta' kif ittieħdet din id-deċiżjoni, l-Awtorita' għandha, l-ewwel tagħmel il-verifikazzjonijiet neċessarji u wara timplimenta u mhux toqgħod temenda d-deċiżjonijiet tagħha għas skapitu ta' dan il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-fatt, li s-Sur Jesmond Farrugia għan-nom ta' *Koptasin*, il-kuntrattur attwali kien strumentali sabiex problemi oħra f'din it-triq ġew solvuti partikularment il-problema tal-*loading/unloading bay* (mingħajr permess) fil-parti t'isfel ta' Triq Ponsonby. Hi kompliet tgħid, li anke fir-rispett tal-problema ta'

quddiem Tanti Palmier, is-Sur Farrugia ntervjena diversi drabi u kkonvinċa lis-Sur Tonio Sultana (propjetarju ta' din l-entita' kummerċjali) sabiex jibgħat ittra t'apoloġija għall-aggressivita' u l-insulti fil-konfront tagħha, tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill Lokali, għall-liema attitudni arroganti tal-propjetarju, ntalbet l-assistenza tal-Pulizija,

F'dan l-istadju staqsiet jekk il-Kunsill jilqax l-apoloġija tas-Sur Sultana u dan minħabba l-fatt, li s-Surġent li kien qiegħed jieħu ħsieb il-każ, ried ikun jaf jekk jipprosegwix. Hi kkonkludiet, billi qalet li ġala darba ntalbet skuża, hi aċċettata u nfurmat lill-Pulizija sabiex minn naħa tagħha ma jipprosegwiex bil-każ.

Iċ-*Chairman* qal, li l-persuni l-aktar konċernati u cioe' il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiddeċiedu huma jekk ikomplux għaddejjin bil-każ.

Il-Viċi-Sindku qal, li din l-apoloġija għandha tkun ppubblikata u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha għan-nom tiegħu tinforma lill-Pulizija.

**2.3 Paġna Nru:3 para 2.5 –** Il-Kunsill ġie nfurmat, li t-*tower crane* fi Triq Sir Patrick Stuart quddiem id-*Dhalia* ġie nstallat mid-ditta *C Stivala & Sons Ltd.*

**2.4 Paġna Nru: 2 – para 2.1.**

L-Avukat Massimo Vella daħal għall-laqgħa fil-5.45 p.m.

Matul id-diskussjoni li saret, l-Avukat Massimo Vella għamel referenza għall-mistoqsijiet li kien ressaq fosthom:

- Jekk il-Perit Bugeja kienx għamel superviżjoni jew iċċertifika xogħol tal-*WSC*

- Jekk Il-Kunsill kienx ta struzzjonijiet lill-Perit li dan ix-xogħol ma kellux jagħmlu u wara dawn l-istess struzzjonijiet kienux ġew *reversed*

- Min kien ħallas għal dawn ix-xogħlijiet

- Kif kienu stabbiliti r-rati ta' ħlas tal-*WSC* – jekk kienux speċifikati fit-*tender* tal-Kunsill u jekk le kif kienu ġew prokurati.

- Il-*B.O.Q* u l-ispeċificazzjonijiet li jippartjenu għall-*WSC* kienu speċifikati fit-*tender* jekk le, kif kienu ġew prokurati.

- Jekk kienx hemm struzzjonijiet bil-miktub lill-Kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħlijiet tal-*WSC*.

Għall-liema mistoqsijiet, il-Kunsill wieġeb li

- Filwaqt li l-uffiċċju tal-Perit huwa f'pożizzjoni li jiċċertifika xogħlijiet tal-*WSC* hu kien implimenta li kienet saret superviżjoni mill-uffiċċju tiegħu matul li kienu qed isiru x-xogħlijiet. Il-Kuntrattur fermament

- ma jaqbilx mal-Perit u jsostni li x-xogħol ta' superviżjoni kien sar kollu mill-*WSC.*

- Il-Kunsill qatt ma rriveda d-deċiżjoni tiegħu

- Skont il-ftehim ffirmat bejn il-Kunsill u l-*WSC* fit-28 ta' Lulju 2010, il-Kunsill huwa responsabbli li jħallas għas-*civil works* relatati mat-tqegħid ta' *water mains* u *house connections*

- Il-kuntratt ffirmat mal-*WSC* kien jinkludi estimi abazi ta' liema ttieħdu r-rati u saru l-pagamenti.

- Skont il-kundizzjonijiet imnizzla fil-kuntratt ffirmat mal-*WSC*, il-Kunsill kellu jibgħat l-isem ta' min kien rebaħ it-*tender* biex b'hekk il-*WSC* toħroġ il-*letter of Acceptance* lil din l-entita'

Matul id-diskussjoni saret referenza għall-*e-mails* datati 02 u 09 t'Awwissu 2011, mibgħuta mid-ditta *R.S.L.* u mill-Perit tal-Kunsill rispettivament. Fl-*e-mail* tagħha d-ditta *R.S.L.* sostniet li s-superviżjoni b'konnessjoni ma' xogħlijiet tal-*WSC* kienet saret minn *WSC personal* u ġew iċċertifikati mill-Ing Curmi għan-nom ta' din il-Korporazzjoni skont *e-mail* oħra mibgħuta fid-29 Novembru 2011, filwaqt li fl-*e-mail* tal-Perit dan kien informa li qed jirrinunzja għall-*Contract Management Fee* abazi ta' *gesture of goodwill* u mhux għaliex ma kienx f'pożizzjoni li jiċċertifika x-xogħlijiet għaliex m' għamilx is-superviżjoni neċessarja fattur, li l-Viċi-Sindku kkummenta fuqu fejn qal, li kien minnu li regolarment rappreżentant mill-Uffiċċju tal-Perit kien jagħmel *site inspections*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-ħlasijiet applikabbli tas-*civil works* kienu stabbiliti fuq ir-rati *standard* kif maħruġa minn din il-Korporazzjoni, fl-eventwalita' li tiżviluppa ħsara fuq is-servizzi ta' l-ilma, hi l-Korporazzjoni, tramite tan-nies tagħha, resposnabbli li tagħmel it-tiswijiet neċessarji kif ukoll, li l-fatt li l-Perit tal-Kunsill iċċertifika l-pagamenti ma jfissirx li saret is-superviżjoni.

L-Avukat Massimo Vella qal, li l-fatt ta' superviżjoni jrid jiġi konfermat minn xi ħadd li kien ikun fuq il-post u spjega li l-ħlas tas-*civil works* dovut mill-Kunsill jista' jkun trattat bħala estenzjoni tal-kuntratt oriġinali konsegwenza ta' liema, l-*contract management fee* tkun operattiva u dovuta għall-kuntratt

u x-xogħol kollu li joħroġ minnu ġala darba ma kienx hemm deċiżjoni espliċita li s-*civil works* tad-*WSC* ma jkunux esklużi. Dan ikun meqjus bħala varjazzjoni fuq il-kuntratt. Hu rrimarka wkoll, li jekk il-*contract management fee* mhix dovuta lill-Perit ma jfissirx li hi dovuta lill-kuntrattur.

L-Avukat Vella kkonkluda billi qal li l-parir legali tiegħu kien, li

- fir-rispett tat-toroq Stuart u Ponsonby fejn kien hemm deċiżjoni espliċita, l-*contract management* fee mhix applikabbli.

- fir-rispett tas-servizzi li l-Korporazzjoni qalet li ser tħallas direttament hi, l-*contract management fee* mhix applikabbli

filwaqt li

- fir-rispett tat-toroq Nicola Cottoner, Immakulata Kunċizzjoni u Samuel Taylor Coleridge, c-*civil works* relatati max-xogħlijiet ta' l-ilma li tħalsu mill-Kunsill izda m'hemm ebda deċizjoni speċifika mill-Kunsill dwarhom, dawn huma kkunsidrati bħala estenzjoni tal-kuntratt sakemm kien hemm superviżjoni fuqhom.

Iċ-*Chairman* kkonkluda, billi qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-Perit jirtira t-talba tal-ħlas għas-*civil works* tax-xogħlijiet ta' l-ilma iżda jħalli ċ-ċertifikazzjoni tagħhom u jekk jaċċetta, dawn il-flus jiġu mgħoddija lill-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal iċ-*Chairman*.

**2.5** Paġna Nru: 2 Para 2.2 – Insegwitu tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienu waslu s-Sinjuri Mark Scerri u Alfred Xerri għan-nom tad-ditta *Terracore*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li b'eżitu ta' *updates* mill-Perit dwar Triq Stuart kien tal-fehma, li bħalma sar fi Triq Ponsonby jeħtieġ li jsiru t-testijiet fi Triq Stuart.

Il-Kunsillier Anthony Abela żied jgħid, li minkejja li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Perit Joe Bugeja dwar il-livellar u l-qlib ta' l-ilma tax-xita, xorta waħda żviluppat problema fi Triq Stuart għaliex din it-triq tista' tiġi kunsidrata bħala wied minħabba li l-ilma tax-xita jinżel tul il-wesgħa tagħha kollu, osservazzjoni, li l-Kunsillier Ian Micallef qal li kien jaqbel magħha perfettament.

B'eżitu tad-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li d-ditta *Terracore* għandha tiġi nkarigata biex bħalma sar fi Triq Ponsonby, isir fi Triq Stuart u għalhekk, jagħmlu *core cut testing* ta' l-*asphalt* qabel mal-Kunsill jagħmel ebda ħlas relatat ma' xogħol f'din it-triq.

Fis-6.30 p.m. daħlu għall-laqgħa s-Sinjuri Scerri rappreżentanti tad-ditta *Terracore.*

Iċ-*Chairman* rringrazzjahom u talabhom jispjegaw r-riżultat tekniku sottomess fir-rispett tal-*core cut testing* ta' l-*asphalt* fi Triq Ponsonby.

Is-Sur Mark Scerri qal, li mit-testijiet li saru jirriżulta, li għalkemm il-*filler* huwa ftit għola *over all* mill-*limits* madanakollu, s-saħħa tat-tarmak kienet tajba. F'dan l-istadju, s-Sur Alfred Xerri spjega minn xiex hu kompost il-*filler*.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela dwar jekk in-numru wieħed jikkorrispondix għall-ewwel *core cut* maqtugħa minn naħa ta' fuq ta' Triq Ponsonby (jiġifieri ma' Triq Flotta), is-Sur Mark Scerri wieġeb fl-affermattiv u spjega li l-ewwel qatgħa hija l-aktar waħda 'l fuq u l-ħxuna tagħha kienet 103.12 filwaqt, li r-raba' qatgħa li tiġi l-aktar waħda lejn ix-Xatt kienet ta' ħxuna 93.81 li għalkemm hi anqas mill-ewwel waħda, hija aċċettabbli fil-*limits* ta' 4 pulzieri tarmak li jkun applikat f'toroq li jiġu *resurfaced*.

F'dan l-istadju nħolqot diskussjoni dwar ir-raba' *core cut* għaliex skont ir-rapport tal-Perit fil-parti t'isfel ta' Triq Ponsonby, ġie mħaxxen it-tarmak għal 6 pulzieri għar-raġunijiet tekniċi kif spjegat fir-rapporti sottomessi minnu (l-Perit tal-Kunsill) fil-laqgħat preċedenti.

B'eżitu tal-mistoqsija jekk din il-ħxuna tikwalifikax fil-*limits* ta' 6 pulzieri, r-rappreżentanti tat-*Terracore* wieġbu fin-negattiv u għalhekk, abazi ta' suġġeriment mressaq mill-Kunsillier Ian Micallef, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li għandhom jerġgħu jittieħdu żewġ *core cuts* tal-parti t'isfel ta' Triq Ponsonby lejn in-nofs tat-triq minn fejn tneħħa l-*camber* minkejja l-fatt, li rrilevanti minn fejn tiġi prelevata l-qatgħa, l-ħxuna trid tkun l-istess.

**2.6 Paġna Nru: 5 para 3.4 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-ittra lill-*Transport Malta* dwar talba għall-*re-construction* ta' parti minn Triq D'Argens quddiem *Muscat Motors*, kienet intbagħtet iżda sa dak in-nhar tal-laqgħa l-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta.

**2.7 Paġna Nru: 5 para 3.5 –** Inqrat ir-risposta mibgħuta mill-Avukat Woods b'eżitu ta' liema, l-Kunsill qabel unanimament, li jżomm mal-proċedura li sakemm il-każi ma jkunux suffiċjentament pruvati, it-talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa.

**2.8. Paġna Nru: 5 para 3.8 –** Il-Kunsill qabel unanimament li t-talba ta' *Director Malta Now LTD* għandha tiġi trattata aktar 'l quddiem wara li jinħatar il-Kunsill il-ġdid.

**2.9 Paġna Nru: 6 para 3.11 –** Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċiżjoni tat-*Transport Malta,* li s-sinjali tal-*loading/unloading bay* eżistenti fi

Triq il-Ġnien jinbidlu sabiex ikunu mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-08.00 a.m. sa 12.00 p.m. u 13.00 p.m. sa 17.00 p.m u s-Sibt mit-08.00 a.m. sa 12.00 p.m. *unrestricted parking remaining hours* sabiex b'hekk tkun tista' tintlaqa' t-talba tas-Sur Nazzarenu Zammit għan-nom tad-ditta *RGC Co. Ltd.*

**2.10 Paġna Nru: 7 para 5.3 –** Rigward il-proġett tal-bankini tax-Xatt, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu jibqa' jsostni l-punt tiegħu kif imressaq fil-laqgħat preċedenti u cioe' li ma kienx jaqbel ma' kif kienu ser isiru l-bankini bil-konkos għaliex b'hekk ix-Xatt tal-Gżira ser ikun inferjuri minn postijiet oħra. Hu spjega kif setgħu jiġu esplorati possibbilitajiet oħra bħal dik li dan il-proġett setgħa sar bi ftehim mal-Gvern, fejn filwaqt li l-ammont allokat mill-fond *U.I.F.* jiġi mgħoddi lill-Gvern, dan ta' l-aħħar iħallas id-differenza u jsir bħal ta' postijiet oħra. Hu kompla, billi reġa' għamel referenza għall-fatt li ma kienx aċċettabbli, li minkejja li x-xogħol kellu jibda immedjat minn meta nħarġet l-ittra t'aċċettazzjoni u b'konsegwenza tal-laqgħa li saret fit-30 Novembru 2011, x-xogħol kellu jibda fit-2 ta' Jannar 2012, sa dak nhar tal-laqgħa x-xogħol baqa' ma nbediex.

Dan minkejja, li kemm l-ittra t'aċċettazzjoni kif ukoll, il-minuti referuti kienu ġew iffirmati mill-kuntrattur stess. Hu żied jgħid, li din l-attitudni mhix tollerabbli u sostna li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni.

Il-Viċi-Sindku spjega, li sfortunament kif dejjem sostna hu, din il-lokalita' tiġi trattata nferjuri mill-Gvern Ċentrali u għall-kuntrarju ta' kif sar fil-konfront tal-Ministeru ta' l-M.R.R.A., fil-każ ta' dan il-kuntrattur *Transport Malta* esiġiet li jkollu l-permess liema permess, skont telefonata li kien irċieva dak in-nhar stess tal-laqgħa mill-Perit tal-kuntrattur, kien miżmum mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Hu kompla jgħid, li l-istess Korporazzjoni kienet bagħtet lis-Sur Twanny Zahra sabiex jivverifika x'hemm bżonn biex is-servizzi jsiru ġodda, fattur li meta hu kien qal bih lis-Segretarju Eżekuttiv hi nfurmat, li ma kienitx taf li dan kien ser jintbagħat għalkemm il-*Planning & Design Office* kien qed jaħdem fuq dan il-permess.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-ispjegazzjoni tal-Viċi-Sindku ma tiskużax dan id-dewmien mill-kuntrattur u dan għaliex, b'referenza għall-istess minuti tat-30 ta' Novembru 2011, il-kuntrattur kellu jieħu ħsieb il-permessi tat-*Transport Malta* iżda skont kopja tal-permess jirriżulta, li l-kuntrattur kien fetaħ dan il-permess fil-bidu ta' Jannar 2012.

Iċ-*Chairman* qal, li jekk kien hemm xi ħadd mill-Kunsill li xtaq li dan il-proġett isir, kien propju hu iżda sfortunatament bħal fatturi oħra, il-burokrazja ttawwal u tikkomplika l-proċessi b'konsegwenza tal-fatt, li jinħoloq dewmien bla bżonn, apparti *break times* bħax-xahar ta' Diċembru u għalhekk, ma jkunx neċessarjament tort tal-kuntrattur.

Il-Kunsillier Ian Micallef reġa' ntervjena u qal li l-kuntrattur kellu japplika għall-permess fix-xahar ta' Settembru 2011, meta nħarġet l-ittra t'aċċettazzjoni u mhux f'Jannar 2012 kif ukoll żied jgħid, li din kienet

drawwa ta' dan il-kuntrattur għaliex l-istess kien ġara fir-rispett ta' proġetti oħra bħal *Housing Estate* u anke dak iż-żmien hu kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-aġir tal-kuntrattur ma kienx tollerabbli.

B'eżitu ta' din id-diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tinħareġ *default notice* lid-ditta Polidano Bros LTD għal dan id-dewmien biex jinbeda x-xogħol.

**3. Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-15 ta' Marzu 2012 kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Avukat tal-Kunsill Edward Woods kien iddepożita r-risposta t'Appell għall-kawża ta' *Fogg Insurnace Agency.*

**3.4** Il-Kunsill ġie nfurmat mid-ditta *Cast Iron Products* li minħabba raġunijiet li ma kelliex kontroll fuqhom, is-*shipment* tal-*litter bins* kien mistenni li jasal lejn l-aħħar ta' Marżu 2012 u bħala kumpens kien qed jipproponi li jagħti żewġ *dog bins* bla ħlas.

Filwaqt li l-Kunsill irrikonferma d-deċiżjoni tiegħu nnota b'apprezzament l-ġest ta' din id-ditta.

**3.5** Il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Christopher Vella għall-ħsarat imġarba fi Triq Stuart u dan bl-istess argument mressaq mill-*Ombudsman* fir-rispett ta' każ ieħor li la darba kienet evidenti li t-triq kienet ilha perjodu ta' żmien magħluqa għat-traffiku, kienet responsabbilita' tax-xufier li ma jgħaddix minnha.

**3.6** Tressqet petizzjoni mir-residenti ta' Triq Wied il-Kappara dwar talba sabiex tinbidel id-direzzjoni tal-vijja tat-traffiku ma' dik ta' Triq Giacint Tua minħabba l-fatt, li Triq Wied il-Kappara kienet idjaq u meta jduru l-*coaches* għall-pixxina nazzjonali, kienu qed jintlaqtu vetturi pparkjati fil-*parking bays*.

Matul id-diskussjoni li saret fejn anke ġie evalwat l-impatt ta' din it-talba fuq it-toroq tal-madwar, il-Kunsill qabel unaimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Viċi-Sindku li din il-proposta għandha tiġi mressqa għall-attenzjoni ta' *Transport Malta* bl-għan li tiġi mplimentata fuq *trial period* kif ukoll, tinħareġ ċirkulari mill-Kunsill sabiex tinforma lir-residenti kollha ta' l-*area* ta' Triq Nazju Ellul b'dan is-suġġeriment.

**3.7** Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mibgħuta lid-ditta *Green MT*, li l-ftehim li dan il-Kunsill kellu magħha dwar skart separat kien ser jiġi estiż

xahar b'xahar sakemm il-Kunsill segwenti jkun f'pożizzjoni li jieħu d-deċizjonijiet neċċesarji dwar kif ser jipprosegwi fil-futur dwar dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-risposta tad-ditta *Green MT* li kienet tinkludi talba għall-laqgħa kif ukoll, suġġerimenti dwar *stainless steel litter bins* li suppost kellhom jiġu nstallati fix-Xatt skont il-ftehim iffirmat.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-materja għandha tiġi trattata wara l-ewwel t' April 2012.

**3.8** Il-Kunsill qabel unaimament b'mozzjoni mressqa mic-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li għandu jinxtara arblu tal-*fiber glass* ta' erbgħin pied għall-prezz ta' €810.00 liema prezz jeskludi d-*delivery u l-installation*. L-arblu ser ikun installat ix-Xatt u filwaqt li tul is-sena kollha tittajjar il-bandiera tal-lokalita', fil-festa tittella' l-bandiera tas-Soċjeta Mużikali Mount Carmel. Il-Kunsill ġie nfurmat li mal-konferma ta' l-ordni għandu jitħallas depożitu ta' 25%.

**3.9** Il-Kunsill ġie nfurmat bil-proposta tad-ditta *TcTc* dwar korsijiet fl-*ICT.*

In vista tal-fatt li d-*deadline* ġie estiż sa l-20 t'April 2012, il-Kunsill qabel unaimament li din il-materja għandha tiġi trattata wara l-ewwel t' April 2012.

Il-Viċi-Sindku nforma li l-istess proposta ġiet sottomessa lir-Reġjun Ċentrali u kienet qed tiġi kkunsidrata, u għamel referenza għall-proposta tiegħu li tinħareġ sejħa għall-offerti għal *ICT trainer* għall-perjodu t'erba' snin, żmien, li fl-opinjoni t'uħud mill-membri tal-Kunsill kien twil wisq u kienu aktar favorevoli li jkun sena b'sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rrilevanti minn min ġie provdat is-servizz, il-Kunsill dejjem rċieva lmenti mill-parteċipanti.

**3.10** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg5/70 minn Nru:2737 sa Nru:2828 (ara *appendix* Nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*

**4.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li *Request Sheet* Nru: 2720 Michael Genovese għall-ammont ta' €36.00 tal-laqgħa preċedenti għandha tiġi emendata u l-ammont isir €216.00 u dan minħabba l-fatt, li l-kwotazzjoni kienet tgħid €204 għall-*binding* ta' l-Agenda u l-Minuti għas-snin 1994 sa 2010 pero' ġiet inkluża wkoll is-sena 2011.

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat rendikont dettaljat tat-tliet talbiet għall-ħlas li dan il-Kunsill kien irċieva mid-ditta *Polidano Bros LTD* li kienu anke ġew approvati u ċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill, għal xogħlijiet fi Triq Sir Patrick Stuart li kienu:

1. 40% tas-*cement stabilization works* skont il-kuntratt GLCT03/2012 li ammont għal €11,229.75
2. 40% tar-*resurfacing works* skont il-kuntratt oriġinali GLC03/2010 li ammont għal €9,682.13 u
3. €3,692.09 għall-*extra works* fuq il-kuntratt oriġinali.

Hi qalet li filwaqt li l-ewwel talba ta' ħlas kienet inkluż fl-iskeda ta' pagamenti *request sheet* 2816, iż-żewġ talbiet l-oħra xtaqet tressaq xi punti għal attenzjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill qabel ma jkunu nklużi fil-lista.

Hi spjegat li l-ammont ta' €9,682.13 kien ammont rivedut ta' l-ewwel pagament tar-*resurfacing works* fejn il-Perit tal-Kunsill kien eskluda kull *overpayment* li sar fir-rispett tal-bankini u r-*resurfacing* għal Triq Stuart, a bażi ta' l-istess prassi applikabbli għal Triq Ponsonby u dan minħabba l-fatt li fl-opinjoni tagħha, ġala darba kienet ħarġet sejħa għall-offerti waħda għaż-żewġ toroq, kull approvazzjoni għal xi varjanza, rrilevanti f'liema triq saret, tista' tippreġudika l-pożizzjoni tal-Kunsill kif ukoll, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali żamm mal-pożizzjoni oriġinali tiegħu u cioe' li jitħallas biss dak oriġinarjament miftiehem. Hi kompliet tgħid, li fir-rispett ta' l-*invoice* l-oħra, il-Perit qasam dan l-ammont billi €916.52 ġiet inkluża bħala varjanza fl-*invoice* tar-*resurfacing works* u nħarġet differenza ta' €2,775.58 dovuta għax-xogħol ta' l-*Enemalta*, fejn kien qed jiġi suġġerit, li l-kuntrattur jiġi nfurmat li t-talba għandha ssir direttament lill-Korporazzjoni msemmija altrimenti dan jitħallas skont *re-payment scheme* ta' *P.P.P.*

In segwitu ta' din l-ispjegazzjoni, l-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament mal-punti msemmija u cioe' li tnaqqas kull *overpayment* sabiex ma tiġix preġudikata l-pożizzjoni tal-Kunsill, fir-rispett ta' l-*extra works* il-kuntrattur għandu jressaq it-talba direttament lill-Enemalta u reġgħet ġiet rikonfermata d-deċiżjoni meħuda aktar qabel f'din il-laqgħa jiġifieri, li ebda ħlas relatat ma' Triq Stuart m'għandu jsir sakemm isiru testijiet u jinħarġu r-riżultati ta' *core cuts* ta' l-*asphalt*.

**4.4** Rigward r-*request sheet* 2828, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-*premium* kif sottomess mid-ditta *M.I.B.* kien għal disa' xhur biss sabiex il-polza t'assigurazzjoni tkun tagħlaq mas-sena finanzjarja kif ukoll, kienet inkudiet *premium* ta' €200 fir-rispett ta' liema, kienet qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill, liema premium hu dovut għal talbiet minħabba l-istat tat-toroq u bankini.

Il-Kunsill Lokali laqa' din it-talba.

**4.5** L-iskeda tal-ħlasijiet sopracitati, b'eċċizzjoni ta' request sheet 2816 u 2818 ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 5. Affarijiet Oħra

**5.1** Il-Viċi-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li kellu *on site* fid-9 ta' Marzu 2012, mad-ditta *WH Works* dwar stima li kien issottometta l-Perit ta' madwar €50,000.00 sabiex issir *canopy* fuq il-*playing field area* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u dan bħala *gesture of goodwill* talli l-Kunsill kien laqa' t-talba tagħhom biex jgħaddu trinka tad-dawl li trid taqsam il-Ġnien sabiex tieħu l-provista mis-*substation* li hemm. Hu kompla jgħid, li l-istess ditta kienet ser tgħaddi *storm water culvert* għall-ispejjeż tagħha waqt dawn ix-xogħlijiet.

Hu qal ukoll, li skont din il-kumpanija huma kienu lesti li jgħinu fis-*civil works* imma jekk il-Kunsill jibqa' tal-fehma li għandu juża' l-materjal kif suġġerit mill-Perit dan għandu jitħallas mill-Kunsill stess, fattur li s-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċeviha permezz ta' *e-mail* datata 5 ta' Marzu 2012.

Invista ta' dan kollu, l-Viċi-Sindku kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa ma' din id-ditta fil-preżenza tal-Perit u l-Inġ tal-Kunsill sabiex jiġu esplorati użu ta' materjal ieħor li jilħaq l-istess skop imma huwa ferm orħos u l-ħlasijiet kollha jkunu assorbiti mid-ditta *WH Works*.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni tal-*MEPA* kienet ġiet sottomessa u saru l-ħlasijiet kollha neċessarji sabiex tkun validitata u jibda l-proċess għal ħruġ tal-permess.

## 6. Laqgħa Oħra

**6.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.10 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| Joe Camilleri<br>Viċi-Sindku | Anthony Abela<br>Kunsillier |
| Anthony Grech<br>Kunsillier | Dott Ian Micallef B.A. LL.D.<br>Kunsillier |
| Victor Rutter<br>Kunsillier | Dott. Malcolm Camilleri B.A. LL.D.<br>Kunsillier |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru **Klg5/70**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg5/70 15.03.2012** **Data:** **10.02.2012 - 15.03.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | G4S Security Serv. Malta Ltd | €60.88 | €60.88 | D | | Cash in Transit - January 2012 | 31.01.2012 | GS004387 | 2737 | | | 7613 |
| 2 | Best Wishes | €34.55 | €34.55 | D | | Stationery | 31.01.2012 | 2397751 | 2738 | | | 7614 |
| 3 | Alfa Co Ltd | €134.45 | €134.45 | D | | Copies & Rentals - 13.12.2011 - 12.01.2012 | 31.01.2012 | 79124 | 2739 | | | 7615 |
| 4 | Alfa Co Ltd | €57.13 | €57.13 | D | | Copies & Rentals - 01.01.2012 - 31.01.2012 | 31.01.2012 | 79125 | 2739 | | | 7615 |
| 5 | Media Link Comm Co Ltd | €68.44 | €68.44 | D | | advert Tender GLCT003/2012 | 31.01.2012 | 048036 | 2740 | | | 7616 |
| 6 | J.F. Mallia Ltd | €336.87 | €336.87 | D | | Maint Bozoz Job No: 226-229-230-231-232-233 | 17.02.2012 | 701 | 2741 | | | 7617 |
| 7 | ARMS Ltd | €38.59 | €38.59 | D | | W&E 30.11.2011 - 06.12.2011 - Adm Office | 05.03.2012 | 14736817 | 2742 | | | 7618 |
| 8 | S.Rausi Trading Ltd | €52.98 | €17.98 | D | | Drinking Water for Office | 20.02.2012 | 21091854 | 2743 | | | 7619 |
| 9 | Terracore Ltd | €405.13 | €405.13 | D | | Testing of asfalt Ponsonby & Stuart Streets | 16.02.2012 | R02257 | 2744 | | | 7620 |
| 10 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | | | Allocated MSW Waste - January 2012 | 15.02.2012 | 017550 | 2745 | | | 7621 |
| 11 | Joe Bugeja & Associates | €1,016.13 | €1,016.13 | T | | C/M fee Ponsonby | 14.11.2011 | RFP 843 | 2746 | | Cancelled | |
| 12 | Joe Bugeja & Associates | €423.31 | €423.31 | T | | C/M fee Ponsonby | 14.11.2011 | RFP 844 | 2747 | | Cancelled | |
| 13 | Joe Bugeja & Associates | €681.67 | €681.67 | T | | C/M fee Ponsonby & Stuart | 16.11.2011 | RFP 852 | 2748 | | | 7699 |
| 14 | Joe Bugeja & Associates | €1,292.22 | €1,292.22 | T | | Arch Seravices November 2011 | 10.01.2012 | RFP 859 | 2749 | | | 7622 |
| 15 | Joe Bugeja & Associates | €206.21 | €206.21 | T | | Arch Services for December 2011 | 10.01.2012 | RFP 860 | 2750 | | | 7623 |
| 16 | Joe Bugeja & Associates | €1,198.88 | €1,198.88 | T | | C/M fee Ponsonby | 10.01.2012 | RFP 861 | 2751 | | Cancelled | |
| 17 | Joe Bugeja & Associates | €49.09 | €49.09 | T | | C/M fee J.&K. | 10.01.2012 | RFP 862 | 2752 | | | 7682 |
| 18 | Joe Bugeja & Associates | €50.00 | €50.00 | T | | Refund Mepa Screening fees | 18.01.2012 | RFP 865 | 2753 | | | 7624 |
| 19 | Joe Bugeja & Associates | €348.06 | €348.06 | T | | C/M fee Polidano Housing Estate | 18.01.2012 | RFP 868 | 2754 | | | 7683 |
| 20 | Gauci Borda & Co. Ltd | €632.00 | €632.00 | K | | 6 Flags | 14.02.2012 | 070690 | 2755 | | | 7625 |
| | **Sub Total c/f** | **€11,150.98** | **€11,115.98** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,150.98** | **€11,115.98** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru **Klg5/70**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg5/70 15.03.2012** **Data:** **10.02.2012 - 15.03.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Gauci Borda & Co. Ltd | €502.00 | €502.00 | K | | 2 Flags | 22.02.2012 | 071097 | 2755 | | | 7625 |
| 22 | Maltapost | €100.00 | €100.00 | D | | postage stamps | 24.02.2012 | | 2756 | | | 7601 |
| 23 | GO plc | €18.70 | €18.70 | D | | Tel 21341616 - Calls Jan. Rent Feb 2012 | 16.02.2012 | 27523003 | 2757 | | | 7602 |
| 24 | GO plc | €56.74 | €56.74 | D | | Tel 21322157 Calls Jan. Rent Feb 2012 | 16.02.2012 | 27523536 | 2758 | | | 7603 |
| 25 | GO plc | €82.71 | €82.71 | D | | Tel 334254/341034 Calls Jan Rent Feb 2012 | 16.02.2012 | 27523000 | 2759 | | | 7604 |
| 26 | IBIS Group Ltd | €591.18 | €591.18 | D | | PABX repairs | 17.02.2012 | 3631 | 2760 | | | 7626 |
| 27 | Melita plc | €335.10 | €335.10 | D | | Hello Service & Usage 08.02.2012 - 07.03.2012 | 27.01.2012 | 31789592 | 2761 | | | 7605 |
| 28 | Joe Bugeja & Associates | €176.56 | €176.56 | T | | C/M fee J&K inv 1233-12 | 17.02.2012 | RFP 881 | 2762 | | | 7684 |
| 29 | Joe Bugeja & Associates | €49.51 | €49.51 | T | | C/M fee J&K inv 1234-12 | 17.02.2012 | FRP 882 | 2763 | | | 7685 |
| 30 | Joe Bugeja & Associates | €8.28 | €8.28 | T | | C/M fee J.&K. inv 1235-12 | 17.02.2012 | FRP 883 | 2764 | | | 7686 |
| 31 | Joe Bugeja & Associates | €13.30 | €13.30 | T | | C/M fee J&K inv 1237-12 | 17.02.2012 | FRP 884 | 2765 | | | 7687 |
| 32 | Joe Bugeja & Associates | €23.40 | €23.40 | T | | C/M fee J&K inv 1238-12 | 17.02.2012 | FRP 885 | 2766 | | | 7688 |
| 33 | Joe Bugeja & Associates | €87.33 | €87.33 | T | | C/M fee J&K inv 1214-11 | 10.01.2012 | FRP 863 | 2767 | | | 7689 |
| 34 | MEPA | €155.00 | €155.00 | D | | Case No: TRK146335 Dev/Env fee | 31.12.2012 | R12354 | 2768 | | | 7606 |
| 35 | Venture Trading | €44.25 | €44.25 | D | | A4 copy paper | 27.02.2012 | 018389 | 2769 | | | 7627 |
| 36 | Squire Bookshop | €71.55 | €71.55 | D | | Bewspapers - February 2012 | 29.02.2012 | 127 | 2770 | | | 7628 |
| 37 | Envir.L/Scapes/Cons Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - Feb 2012 | 29.02.2012 | 008337 | 2771 | | | 7629 |
| 38 | ARMS Ltd | €792.17 | €792.17 | D | | W&E Gzira Gardens 21.9.l2011-19.12.11 | 22.02.2012 | 14768377 | 2772 | | | 7630 |
| 39 | ARMS Ltd | €244.53 | €244.53 | D | | W&E Gzira Promenade 21.9.2011-25.11.11 | 22.02.2012 | 14768378 | 2773 | | | 7631 |
| 40 | Stardelta hardware Store | €19.25 | €19.25 | D | | P.O. 16 Maint office | 01.03.2012 | 5867866 | 2774 | | | 7632 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,584.48** | **€5,584.48** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€11,150.98** | **€11,115.98** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€16,735.46** | **€16,700.46** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru **Klg5/70**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg5/70 15.03.2012** **Data:** **10.02.2012 - 15.03.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Horizon Books | €166.00 | €166.00 | D | | Books for Public Library | 05.03.2012 | | 2775 | | | |
| 42 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €273.38 | €273.38 | T | | Job No: 11263- Road Markings | 11.01.2012 | 15967 | 2776 | | | 7633 |
| 43 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €214.05 | €214.05 | T | | Job No: 11264 - Road Markings | 18.01.2012 | 15968 | 2776 | | | 7633 |
| 44 | Alfred Portelli | €745.42 | €745.42 | T | | C/M fee January - February - March 2012 | 30.03.2101 2 | 01 | 2777 | | | 7639 |
| 45 | Dr Edward Woods | €494.76 | €494.76 | T | | Legal Advisor Jan - Feb - March 2012 | 01/03/12 | | 2778 | | | 7640 |
| 46 | ARMS LTD | €27.31 | €27.31 | D | | W&Elec Act Ctre 12.10.2011 - 09.12.2011 | 21.02.2012 | 14744740 | 2779 | | | 7634 |
| 47 | MITA | €29.82 | €29.82 | D | | e-mail - Councillors Oct - Dec 2011 | 02.03.2012 | SIN025984 | 2780 | | | 7635 |
| 48 | Squire Bookshop | €18.62 | €18.62 | D | | Stationery | 14.03.2012 | 9651 | 2781 | | | 7636 |
| 49 | G4S Security Serv. Malta Ltd | €68.49 | €68.49 | D | | Cash In Transit - February 2012 | 29.02.2012 | GS004607 | 2782 | | | 7637 |
| 50 | Gov. Property Departme nt | €232.94 | €232.94 | D | | Annual rent 08.03.12 - 07.03.2013 | 01.03.2012 | 597561 | 2783 | | | 7638 |
| 51 | M.E.P.A | €155.00 | €155.00 | D | | DevPermit/Env. Fee -Canopy Ġnien | 31.01.2012 | TRK/146335 | 2784 | | | **Cancelled** |
| 52 | Soċjeta Filarmonika Stella Maris | €116.03 | €116.03 | D | | Temmporary Applic.No:T1516/09 2.12.09 - 5.01.10 | 03.10.2011 | 01820 | 2785 | | | 7610 |
| 53 | Alfa Co. Ltd | €2.75 | €2.75 | D | | Eco Tax re Toner photocopier | 24.02.2012 | 79769.00 | 2786 | | | 7641 |
| 54 | Media Link Comm. Co. Ltd | €41.06 | €41.06 | D | | Advert Locality Call 09.02.2012 less C/N | 15.02.2012 | 48160 | 2787 | | | 7642 |
| 55 | Anton Zarb | €84.96 | €84.96 | D | | Festa covers in cast iron | 02.03.2012 | AZ42-12 | 2788 | | | 7643 |
| 56 | J.F. Mallia | €489.50 | €489.50 | D | | Street Lights - Maint | 05.03.2012 | 706 | 2789 | | | 7644 |
| 57 | J.F. Mallia | €67.54 | €67.54 | D | | Cencors Act. Centre u Gnien | 07.03.2012 | 710 | 2789 | | | 7644 |
| 58 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €125.63 | €125.63 | T | | Traffic Signs - Job No: 9196 | 15.02.2012 | 16014 | 2790 | | | 7645 |
| 59 | Joe Bugeja & Associates | €177.00 | €177.00 | T | | Storm Water Repair at 231 Rue D'Argens | 08.03.2012 | RFP 887 | 2791 | | | 7691 |
| 60 | M.I.B. | €94.61 | €94.61 | T | | Group Personal Accident Policy | 28.02.2012 | 114776 | 2792 | | | 7646 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€3,624.87** | **€3,624.87** |
| **Sub Total b/f** | **€16,735.46** | **€16,700.46** |
| **Total** | **€20,360.33** | **€20,325.33** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg5/70 15.03.2012** **Data:** 10.02.2012 - 15.03.2012

**10.02.2012 - 15.03.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | JGC Ltd | €759.80 | €749.80 | K | Four Cradle Seats | 30.12.2011 | 194-11 | 2793 | | | 7674 |
| 62 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection March 2012 | 01/03/12 | 19 | 2794 | | | 7647 |
| 63 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire March 2012 | 01/03/12 | 20 | 2795 | | | 7648 |
| 64 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | Public Convenience March 2012 | 01/03/12 | 21 | 2796 | | | 7649 |
| 65 | Emanuel Mifsud | €700.67 | €700.67 | T | Bulky Refuse - Feb 2012 - 128 Calls | 01/03/12 | 22 | 2797 | | | 7650 |
| 66 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | Duck Food - March 2012 | 01/03/12 | 35 | 2798 | | | 7651 |
| 67 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | Craft Lessons - March 2012 | 01/03/12 | 29 | 2799 | | | 7652 |
| 68 | Union Print Ltd | €55.13 | €55.13 | D | Advert Locality Call 09.02.2012 | 29.02.2012 | A1006815 | 2800 | | | 7653 |
| 69 | S. Rausi Trading Ltd | €52.98 | €17.98 | D | Drinking water | 13.03.2012 | 21092460 | 2801 | | | 7654 |
| 70 | Longbow Ltd | €75.52 | €75.52 | D | Degradable Litter Bags - Strand | 13.03.2012 | 104260 | 2802 | | | 7655 |
| 71 | Bristow Potteries Ltd | €116.47 | €116.47 | D | 2 Plaques E. Giordano - Gerry Zammit | 28.02.2012 | 429 | 2803 | | | 7656 |
| 72 | Alfa Co. Ltd | €115.98 | €115.98 | D | Copies & Rentals - 13.01.2012 - 12.02.2012 | 29.02.2012 | 80205 | 2804 | | | 7657 |
| 73 | Alfa Co. Ltd | €72.47 | €72.47 | D | Copies & Rentals - 01.02.2012 - 29.02.2012 | 29.02.2012 | 80206 | 2804 | | | 7657 |
| 74 | JCA Ltd | €247.80 | €247.80 | T | Accountancy Serv. - December 2011 | 12.03.2012 | 110 | 2805 | | | 7658 |
| 75 | JCA Ltd | €1,100.00 | €1,100.00 | T | Fixed Assets Register Phase 1 | 12.03.2012 | 111 | 2806 | | | 7659 |
| 76 | JCA Ltd | €980.00 | €980.00 | T | Fixed Assets Register Phase 2 | 12.03.2012 | 112 | 2807 | | | 7660 |
| 77 | J&K Contractors Ltd | €323.67 | €323.67 | T | mwPatching 04/2011 - N.Ellul-Fleet-Manoel-E.Bernard | 14.03.2012 | 1252-12 | 2808 | | | 7661 |
| 78 | J&K Contractors Ltd | €396.72 | €396.72 | T | Supply & Deliver Cement & Cold Tarmac | 14.03.2012 | 1253-12 | 2809 | | | 7662 |
| 79 | J&K Contractors Ltd | €698.25 | €698.25 | T | Supply &Lay Cold Tarmac mwPatching Urgent Wrks | 14.03.2012 | 1254-12 | 2810 | | | 7663 |
| 80 | J&K Contractors Ltd | €180.50 | €180.50 | T | Manhole Rue D'Argens/Marshall Court | 14.03.2012 | 1255-12 | 2811 | | | 7664 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,156.98** | **€13,111.98** | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€20,360.33** | **€20,325.33** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€33,517.31** | **€33,437.31** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru **Klg5/70**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg5/70 15.03.2012** **Data:** **10.02.2012 - 15.03.2012**

**10.02.2012 - 15.03.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | J&K Contractors Ltd | €351.50 | €351.50 | T | | Manhole Triq D'Argens/Sliema - OK Furniture | 14.03.2012 | 1256-12 | 2812 | | | 7665 |
| 82 | J&K Contractors Ltd | €446.50 | €446.50 | T | | Masnhole Triq ix-Xatt A1-Bar | 14.03.2012 | 1257-12 | 2813 | | | 7666 |
| 83 | Multi Packaging Ltd | €204.14 | €204.14 | D | | Archive Boxes | 07.12.2011 | | 2814 | | | 7667 |
| 84 | Law Courts | €180.00 | €180.00 | D | | Appell - Fogg Insurance | 13.03.2012 | | 2815 | | | 7609 |
| 85 | Polidano Bros Ltd | €11,229.75 | €11,229.75 | T | | Stabilization Works in Stuart Street lstPayment | 14.03.2012 | | 2816 | | | 7701 |
| 86 | General Ecological Serv. Co | €2,468.22 | €1,500.00 | K | | Cleaning of water culverts - on a/c | 30.09.2011 | 206 | 2817 | | | 7668 |
| 87 | J.Bugeja & Associates Ltd | €449.19 | €449.19 | T | | c/m fee stabilization works Stuart | 15.03.2012 | | 2818 | | | 7697 |
| 88 | J.Bugeja & Associates Ltd | €52.09 | €52.09 | T | | c/m fee re J&K inv:1252-55-56-57 | 15.03.2012 | | 2819 | | | 7695 |
| 89 | Venture Trading | €53.33 | €53.33 | D | | Stationery | 14.03.2012 | 18490 | 2820 | | | 7669 |
| 90 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste Feb 2012 | 15.03.2012 | 18148 | 2821 | | | 7670 |
| 91 | GO plc | €57.53 | €57.53 | D | | Tel 322157 - Calls Feb Rent March 2012 | 13.03.2012 | 27671702 | 2822 | | | 7671 |
| 92 | GO plc | €18.46 | €18.46 | D | | Tel : 341616 Calls Feb Rent March 2012 | 13.03.2012 | 27671164 | 2823 | | | 7672 |
| 93 | GO plc | €66.65 | €66.65 | D | | Tel:341034/334254 Calls Feb Rent March 2012 | 13.03.2012 | 27671160 | 2824 | | | 7673 |
| 94 | J.J.& J.M. Co. Ltd | €20.22 | €20.22 | D | | Consumables - Office December 2011 | 14.03.2012 | | 2825 | | | 7692 |
| 95 | J.J.& J.M. Co. Ltd | €56.71 | €56.71 | D | | Consumables - Office - January 2012 | 14.03.2012 | | 2826 | | | 7693 |
| 96 | J.J.& J.M. Co. Ltd | €37.52 | €37.52 | D | | Consumables - Office February 2012 | 14.03.2012 | | 2827 | | | 7694 |
| 97 | M.I.B. | €2,026.75 | €1,770.88 | T | | Insurance for nine months 2012 | 14.03.2012 | | 2828 | | | 7677 |
| 98 | Honoraria | €521.19 | €512.19 | | | Honoraria | | | | | | 920 |
| 99 | Wages + Bonus March | €5,420.43 | €5,420.43 | | | Wages + Bonus March | | | | | | 921, 922, 923, 924, 925, 926, 927, 928, 929 |
| 100 | C.I.R | €2,010.71 | €2,010.71 | | | C.I.R. | | | | | | 930 |
| | **Sub Total c/f** | **€29,735.28** | **€28,502.19** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€33,517.31** | **€33,437.31** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€63,252.59** | **€61,939.50** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier